MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 68/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Rita Piscopo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-5 t’Awwissu 2009, ghall-habta ta’ 16.30 hrs gewwa l-fond tal-komun ta’ Clover Crt, Triq it-Tiben, M’Scala
1. volontarjament kisret il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
2. hebbed kontra Etienne Formosa sabiex tingurja, idejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjat u jew hedded bi kliem lil Etienne Formosa;
4. fl-istess cirkostanzi bl-imgieba taghha kienet taf jew missha kienet taf li dan kien ta’ fastidju ghal Etienne Formosa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Frar, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 251A(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w wara li l-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi gew irtirati mill-prosekuzzjoni, fuq ir-raba' akkuza, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz illiberat lill-appellanti taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.
Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9, rabtet lill-appellanti Rita Piscopo b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Euro (€500) li zzomm il-kwiet ma' Etienne Formosa ghal zmien sena.
Finalment il-Qorti tat lill-appellanti Rita Piscopo l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-22 ta' Frar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tibdel is-sentenza appellata, billi tirrevoka w thassar l-istess sentenza w issib lill-appellanti mhux hatja kif akkuzata ghar-ragunijiet premessi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni tal-provokazzjoni tal-appellanti fil-kaz relatat ma dak l-ghemil ta' Etienne Formosa.
Illi rrizulta mill-provi li Rita Piscopo kienet ghada ma waslitx fejn il-bieb ta' barra tal-blokk. Pero' bintha minuri ta' seba' snin lahqet waslet meta Etienne Formosa kienet ser taghlaq il-bieb. L-azzjoni ta' din tal-ahhar kienet li gibdet il-bieb bil-herra w poggiet fil-periklu lil bint l-appellanti li kienet ser twegga. Dana pprovoka lill-appellanti, Rita Piscopo, biex tirrejagixxi u tammonixxi lil Etienne Formosa biex ma tweggax lil bintha minuri. Dan

l-Ewwel Qorti injoratu u qadet fuq ix-xhieda falza tal-kugini ta' Etienne Formosa, li xehedu bil-maqlub ta' dak li rraportat hija stess lis-surgent u qalu li bint l-appellanti kienet ghada ma wasletx fuq il-bieb ta' barra.
Illi l-akkuzi li kienet akkuzata bihom l-appellanti kienu kollha kontravenzjonali, fil-fatt l-indikazzjoni tad-diversi artikli riferibbli ghall-akkuzi huma kollha ghall-artikolu 338 u 339 li jirriferu biss ghad-diversi kontravenzjonijiet hemm previsti.  Ghalhekk anki r-raba' akkuza kienet preskritta bhat-tlieta ta' qabel.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Awissu, 2009 ghall-habta ta' 16.30 hrs l-appellanta Rita Piscopo u bintha ta' sitt snin kienu hiergin mill-appartament taghhom halli jmorru gita l-bahar.  It-tifla nizlet qabel l-appellanta w hin minnhom tismaghha tibki.  Meta giet hdejha t-tifla qaltilha illi Etienne Formosa ppruvat izzommilha subajha mal-bieb in komun tal-appartamenti.  It-tifla kellha hmura f'idejha.  Vicin kien hemm Etienne Formosa illi l-appellanta bdiet tghajjarha izda Etienne Formosa ma rrisponditix u baqghet miexja.

Dak iz-zmien l-appellanta kellha tqala ta' seba' xhur u ghalhekk offendiet biss lil Rita Piscopo u ma gritx warajha.  Qalet ukoll illi ilhom seba' snin miggieldin.

Darlene Gauci xehdet illi hija kugina ta' Etienne Formosa w semghet lil Rita Piscopo toffendi lil Etienne Formosa.  Hargu mill-flats mill-bieb komuni b'Etienne Formosa quddiem, Darlene Gauci warajha w fl-ahhar Elisa Gauci.  It-tifla ta' Rita Piscopo kienet wara l-bieb tal-komun tistenna lill-ommha, ma rathix tibki u ma kienet qed taghmel xejn.

L-istess xehdet Elisa Gauci li hi kienet l-ahhar wahda li harget mill-bieb u rat it-tifla ta' Rita Piscopo.  Kienet normali f'idejn ommha.  Waqt li hi kienet qed taghlaq il-bieb tal-komun Etienne Formosa kienet qed tiftah il-gate ta' barra biex tmur fit-triq.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 2010 wara illi nnutat illi l-prosekuzzjoni irtirat l-akkuzi intestati bin-numru 1, 2 u 3 sabet lill-appellanta hatja tar-raba' imputazzjoni u kkundannatha fit-termini tas-sentenza kif riportata fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Ikkunsidrat :

Irrizulta illi bejn Rita Piscopo u Etienne Formosa ma hemmx relazzjoni ta' buon vicinat li jista' jigi deskritt bhala posittiv.  L-istess Rita Piscopo qalet illi ilhom miggieldin seba' snin kawza ta' xi litigazzjoni civili illi kien hemm bejniethom dwar l-access ghal bejt, izda b'referenza ghal din l-akkuza intestata numru 4 kienet l-istess appellanta illi ammettiet li offendiet lil Etienne Formosa w kien biss kawza ta' tqala ta' seba' xhur illi l-incident ma ggravax ruhu u seta' kien hemm aktar konsegwenzi serji bejn il-protagonisti Rita Piscopo w Etienne Formosa.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti kellha ragun biex issib htija fir-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta.

Issa hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u jidrilha illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi l-ewwel sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------